MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 194/2008/1

**Safety & Security Management Limited**

**vs**

**Emmanuel Spiteri**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Ottubru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi fejn il-konvenut huwa debitur tal-attrici fis-somma ta` elf u sitta u disghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm 1,096.80) ekwivalenti ghal elfejn u hames mija u erbgha u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmu (€ 2,554.86), skond l-annessi "invoices" immarkati "Dok SS1" sa "Dok SS7" rapprezentanti bilanc ta`

spejjez minnu inkorsi bhala kera ta` vann tat-tip "Peugeot Partner", liema vann kien necessarju ghax-xoghol tal-attrici stess u dan ghaz-zmien ta` riparazzjoni tal-vettura ossija vann "WPU 001" tat-tip "Renault Extra", proprjeta` ta` l-attrici, liema riparazzjonijiet kienu mehtiega wara kollizzjoni li sehhet bejn l-imsemmija vettura misjuqa minn Simon Soler u l-konvenut meta dan kien qed isuq il-vettura tieghu "BAP 978" tat-tip "Peugeot 405", kif jidher mill-anness skizz mmarkat "Dok SS8";

Il-konvenut ammetta t-tort tal-incident imsemmi kif jidher mill-anness "settlement form" tas-socjeta` assikuratrici tal-konvenut "Gasan Mamo Insurance Limited" immarkata "Dok. SS9", liema settlement kopriet biss il-kera ta` vettura ghal hamest ijiem;

Ghalkemm debitament interpellat sabiex jghaddi ghal hlas tas-somma minnu dovuta ("Dok SS10") huwa baqa` inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` kull "invoice" sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta fejn fiha eccepixxa illi:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta` gurisdizzjoni *rationae materiae* sabiex dan il-kaz jinstema` u jigi deciz minn dan it-Tribunal, u dana stante illi sitratta dwar tilwima u talba ta` danni li torigina minn kollizzjoni bejn il-vetturi, liema talba ma teccedix il-valur ta` hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin ewro centezmi (€11,646.87) – u li kwindi ghandha tigi determinata b`arbitragg mandatarju ai termini tar-Raba` Skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta` Malta. Kwindi, l-konvenut ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

2. Inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, u dana stante illi l-ammont mitlub huwa esagerat u eccessiv hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Ra n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Illi l-attur ghalkemm moghti l-fakulta' li jipprezenta nota ta' sottimissjonijiet dwar l-eccezzjoni preliminari sal-21 ta' April, 2008 ghazel li ma jipprezentax nota ta' sottomissjonijiet.

Illi fir-risposta tal-konvenut tqajmet eccezzjoni preliminari rigward in-nuqqas ta' gurisdizzjoni *rationae materiae* li ghandha tigi deciza *in limine litis.* Ra li b' sentenza in parte moghtija fit-28 t'April, 2008 it-Tribunal iddecieda li it-talba kif intavolata taqa' taht il-mansjonijiet tal-kapitlu 380 dwar l-Att tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

Ikkunsidra;

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal hlas ta' somma rapprezentanti bilanc ta' spejjez inkorsi bhala kera ta' vann liema rizarciment qieghed jigi mitlub direttament mill-konvenut, is-sewwieq responsabbli tal-incident. Illi huwa minnu li l-vann kien inkera b'necessita' wara li l-vann tal-attur kien qieghed ghar-riparazzjoni li gie mehtieg wara kollizjoni li sehhet bejn vettura appartenenti lis-socjeta' attrici u l-konvenut. Izda l-mertu tal-kawza m' huwiex l-kollizjoni izda r-rizarciment tal-kera ta' vettura. Sabiex jasal ghal konkluzjoni tal-vertenza gusta u ekwa, t-Tribunal m'huwiex ha jkollu jidhol

fil-mertu tal-kollizjoni li *d'altronde* giet ammessa mill-konvenut.

Gara li wara li sar l-incident bejn il-partijiet, iz-zewg partijiet ghamlu l-'claims' taghhom rispettivi w irrizulta li l-vettura appartenenti lis-socjeta' attrici kellha bzonn riparazzjonijiet, izda li hadu tul ta' hames xhur u nofs sabiex jitlestew. It-Tribunal jirrilleva li s-socjeta' assikurattrici taz-zewg partijiet hija l-istess wahda u cioe' Gasan Mamo Insurance Ltd.

Illi s-socjeta' assikuratrici ghalkemm assikurata maghha b'polza 'comprehensive' ma kienetx offriet 'replacement vehicle' lis-socjeta' attrici tul ir-riparazzjonijet peress illi skond il-polza partikolari tas-socjeta' attrici, l-vettura taghha kienet ikkunsidrata bhala wahda 'commercial'.

Intqal ukoll illi peress li l-vettura kienet inxurjata 'comprehensive' huma ma kellhomx kontroll fuq it-tiswijiet u lanqas mix-xiri tal-*parts* li kienu damu hames xhur sabiex jaslu. Intqal ukoll illi huwa kien icempel lis-socjeta' Gasan Mamo Insurance kull gimgha sabiex jara meta kienet ha tkun lesta l-vettura tieghu izda in kontro ezami rrizulta li l-komunikazzjonijiet kienu qieghdin isiru direttament ma' KDM Insurance Brokers Ltd il-'brokers' tas-socjeta' assikurattiva fejn rapprezentant tas-socjeta' attrici kien jinfurmahom ukoll li huwa kien ghaddej b'karozza tal-kiri. Huw ama kienx jikkominka direttament ma' Gasan Mamo Insurance plc. Intqal ukoll illi meta huwa rcieva l-hlas finali ghar-riparazzjonijiet kien hemm 'inkluz hamest ijiem ghall-loss of use' li huwa qatt ma kkontesta ic-cekk mas-socjeta' assikuratrici.

Illi mill-provi tal-konvenut jirrrizulta li kien minnu li kien sar incident awtomobilistiku li okkorra fl-10 ta' Mejju, 2007 u li l-konvenut kien irregistra 'claim' mas-socjeta' assikuratrici Gasan Mamo Insurance plc fejn huwa ma kienx ammetta t-tort ghall-

incident u s-socjeta' assikuratrici awtorizzat li jibdew t-tiswijiet fuq il-vettura tas-socjeta' attrici. Illi s-socjeta' attrici kellh apolza ta' tip 'comprehensive.' In sostenn tad-difiza tal-konvenut, xehdu rapprezentanti tas-socjeta' assikuratrici fejn qalu li huma qatt ma gew infurmati li kien hemm xi nuqqas ta' 'parts'. Illi skont il-proceduri dwar 'claims' f'kazijiet simili meta jaraw illi l-vettura kienet ha tiehu tul ta' zmien kienu jibghatu ghal 'parts' huma stess permezz ta' servizz 'courier' bhala servizz lill-klijent u kienu wkoll xi drabi isaqsu ghall-'replacement vehicle.' Illi skont ix-xhieda tas-socjeta' assikuratrici hija qatt ma giet infurmata kemm mill-klijent u kemm mill-'brokers' bid-dewmien tal-wassla tal-'parts' u wisq anqas illi kienet inkriet vettura alternattiva tul iz-zmien illi l-vettura WPU 001 kienet qieghda tissewwa. Saru jafu biss meta huma rcievew il-kont minn certu Alberto Bisazza rapprezentant tal-KDM Insurance Brokers Ltd liema rapprezentant it-Tribunal jirrilleva, li qatt ma ittella' sabiex jixhed f'din il-kawza. Intqal ukoll illi jekk huma rcievew kommunikazzjoni simili tul ir-riparazzjonijiet kienu jirrejagixxu mal-ewwel. Illi kien wara li rcievew il-kont illi s-socjeta' assikuratrici offriet hamest ijiem 'loss of use' ghall-vettura' u in konkluzjoni Gasan Mamo Insurance Plc ma dehrilhiex illi kien hemm kontestazzjoni dwar dan il-hlas. Intqal ukoll illi s-socjeta' attrici qatt ma fethet 'claim' fuq dan il-kaz mas-socjeta' assikuratrici taghha. Intqal ukoll mix-xhud raprezentant tas-socjeta' attrici li kien biss fil-mori tal-kawza li kien cempillu Alberto Bisazza mis-socjeta KDM Insurance Brokers Ltd fejn spjegalu li kien minnu li bejn Mejju u Ottubru tal-2007 kien hemm nuqqas ta' 'parts' sabiex tissewwa l-vettura WPU 001 u li l-istess Bisazza kien taht l-impressjoni li *s-surveyor* tas-socjeta' assikuratrici kien ser ikun infurmat b'dan. Izda skont x-xhieda tal-istess socjeta' assikuratrici galadarba 'surveyor' ikun spezzjona vettura involuta f'incident awtomobilistiku huwa d-dmir ta' sid il-vettura li jsegwi t-tiswijiet u jirraporta xi

ilmenti jekk ikun il-kaz. Intqal ukoll illi peress li s-socjeta’ assikuratrici ma kienetx imwissija bil-problema tan-nuqqas ta’ ‘parts’ huma rrifjutaw li jhallsu l-kont tal-kiri tal-vettura sostituta.

It-Tribunal jidhirlu li fil-kaz in kwistjoni jirrizulta nuqqas serju ta’ komunikazzjoni bejn is-socjeta’ attrici u min kien resposnabbli ghall-hlas ta’ tiswijiet. Illi huwa minnu li s-socjeta’ attrici kellha relazzjoni diretta mas-socjeta’ KDM Insurance Brokers Ltd li kellha tagixxi ghan-nom tal-klijent taghha.

Illi mix-xhieda jidher illi fil-waqt illi s-socjeta’ attrici qalet illi hja kkomunikat l-ilmenti taghha direttament mas-socjeta KDM Insurance Brokers Ltd, din is-socjeta’ naqset milli taqdi d-doveri taghha billi qatt ma wasslet l-ilmenti tas-socjeta’ attrici lis-socjeta’ assikuratrici Gasan Mamo Insurance Limited. Izda t-Tribunal ma jhossx illi ghal dan in-nuqqas ghandu jbatih il-konvenut.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta’ attrici kellha d-dmir li tinsisti u tara lli issewwi l-vettura taghha fi zmien qasir u mhux thalli kont ta’ kiri ta’ vettura jakkumula ghal hames xhur u nofs. Izda t-Tribunal jemmen illi s-socjeta’ KDM Insurance Brokers Ltd ma qdietx dmirijietha f’dan il-kaz u ghaldaqstant it-Tribunal ma jhossx illi l-konvenut ghandu jbati ghall-ispejjez kollha inkorsi ghall-kiri tal-vettura ghal hames xhur u nofs. Ghalhekk, it-Tribunal ‘arbitrio boni viri’ u b’sens ta’ gustizzja u ekwita’ ha jordna kumpens lis-socjeta’ attrici min-naha tal-konvenut limitatament ghal xahar u nofs kiri ta’ vettura.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li l-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici fis-somma kif ridotta ta’ seba’ mija tlieta u tletin ewro u hamsa u sebghin centezmi (€733.75.) bhala kumpens ghal kiri tal-vettura WPU 001.

> Spejjez tas-sentenza zewg terzi ghas-socjeta’ attrici u terz ghal konvenut.
>
> Spejjez tas-sentenza in parte ghall-konvenut.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici biex titlob ir-revoka taghha in bazi ghall-argoment illi, koncizament riprodott, gjaladarba l-assikurazzjoni komuni ghall-partijiet ma kienetx hallsitha d-danni kollha minnha subiti, hi kienet gustifikata tirreklama d-differenza minghand min kien kagun ta’ l-event tad-dannu, ossija minghand il-konvenut;

Huwa principju guridiku notorju f’tema ta’ kompensazzjoni ghad-danni illi min isofri hsara ghandu kemm jista’ jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagunata l-hsara (“**Emmanuele Galea *proprio et nomine* -vs- Paolo Gatt *et***”, Appell Civili, 24 ta’ Novembru, 1958 u “**John Tufigno -vs- Joseph Micallef *nomine***”, Appell Kummercjali, 23 ta’ April, 1965). Konsegwentement, “min hu responsabbli ghad-dannu ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu” (“**Carmelo Bugeja -vs- Lorenzo Cassar**”, Appell Civili, 1 ta’ April, 1966 u “**Joseph Aquilina -vs- Emmanuele Schembri**”, Appell Civili, 24 ta’ Jannar, 1969);

Jinzel minn dawn l-insenjamenti tal-Qrati taghna s-segwenti kriterji bazilari u, cjoe, li:-

i. min isofri l-hsara ghandu kemm jista’ jkun jigi rizarcit ghat-telf pekunjarju u patrimonjali tieghu;

ii. basta pero`, li d-danni subiti jkunu f’rapport immedjat u prossimu ma’ l-event illecitu;

Hu dan l-ahhar kriterju gwida li jinteressa mill-qrib lill-fattispeci tal-kwestjoni proposta bil-kawza, u, issa bl-appell prezenti. Dan anke ghaliex l-ewwel kompitu tal-gudikant f’materja incidenti eskluzivament fuq l-irjus tad-

danni hu dak li tisselezzjoni liema huma d-danni realment rizarcibbli;

Ghal dawk li huma l-fatti sostanzjalment rilevanti tal-kaz jirrizulta mill-atti illi, accertata u accettata r-responsabilita` tal-konvenut ghall-incident stradali tal-10 ta’ Mejju, 2007, generatur tad-danni subiti fil-vettura tas-socjeta` attrici, is-socjeta` assiguratrici GasanMamo Insurance Limited, komuni ghaz-zewg vetturi involuti fl-incident, ghaddiet biex tindennizza lis-socjeta` attrici ghall-hsarat hekk subiti. Il-hlas relattiv kien, ghab-bazi tas-*survey report* (fol. 51), ikopri il-kost tal-parts u tal-mano d’opera biex il-vettura tissewwa, kif ukoll ghall-hamest ijiem “loss of use” ta’ l-istess vettura ossija l-kiri ta’ vettura sostitutiva bir-rata ta’ seba’ liri Maltin kuljum. Ic-*cheque* relattiv ta’ dan il-hlas gie accettat u msarraf mis-socjeta` attrici. Ara Affidavit ta’ Hubert Said, Senior Claims Supervisor mas-socjeta` assiguratrici msemmija, a fol. 47. Gara li l-vettura tas-socjeta` attrici damet biex tissewwa hames xhur u nofs ghaliex il-parts ma kienux disponibbli u riedu jingiebu minn barra. Jirrizulta wkoll illi ghalkemm l-istess vettura kienet assikurata *comprehensive*, il-polza ma kienetx tipprovdi ghall-karozza sostitutiva jekk il-vettura assikurata tkun wahda kummercjali. Simon Soler, sewwieq tal-vettura jghid li hu kien ikkomunika mal-*broker* tieghu dwar id-diffikolta u d-dewmien, ghal dik ir-raguni, biex il-vettura tigi riparata izda ma setax jghid jekk din ghaddietx din l-informazzjoni lis-socjeta` assikuratrici. Jghid, pero`, li skond il-fehma tieghu, jekk kellem lill-*broker* daqslikieku kellem lill-assigurazzjoni ghaliex, dejjem skond hu, il-*broker* hu rapprezentanti tas-socjeta` assiguratrici. Ara xhieda tieghu a fol. 42 *et sequitur*. L-assigurazzjoni rrifjutat li thallas il-kont tal-kiri tal-vettura sostitutiva ghax issostni li hi qatt ma giet avzata bin-nuqqas ta’ parts u bid-dewmien tat-tiswija. Ara Affidavit ta’ Dorian Vassallo, Deputy Manager, Motor Claims, mas-socjeta` GasanMamo Insurance Limited, fol. 55. In vista ta’ dan is-socjeta` attrici tippretendi l-hlas tal-kont relattiv direttament minghand il-konvenut danneggjant;

Premessi dawn il-fatti, din il-Qorti jidhrilha l-ewwelnett li ma ghandhiex tokkupa ruhha mir-rapporti interni u ta' natura kontrattwali bejn is-socjeta` attrici, u l-*broker* taghha, u s-socjeta` assikuratrici. Tillimita ruhha biex tikkorregi l-impressjoni zbaljata tax-xhud Simon Soler billi tafferma illi l-*broker* huwa l-agent ta' l-assigurat, u mhux ukoll ta' l-assigurazzjoni. Ara "**Lawrence Azzopardi *et* -vs- Joseph Muscat *et***", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997. Forsi wkoll, jista' jinghad b'ripetizzjoni illi "bilkemm hemm bzonn li jerga' jigi mfakkar il-principju drabi ohra ribadit tant mill-Qrati Inglizi kemm minn dawn il-Qrati li l-kumpaniji tas-sikurta` m'humiex istituzzjonijiet filantropici imma qeghdin ukoll fin-negozju, u ghalhekk hadd m'ghandu jahseb li huwa facilment kopert jew li m'ghandux jippresta l-massima attenzjoni tant fis-sewqan tant fit-termini ezatti tal-polza (**Shawcross,** "**On the Law of Motor Insurance**" u **Kollez. Vol. XXXII P II p 391**)". Ara "**Francis Spiteri -vs- Joseph Saliba *et nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Marzu, 1966 per Imhallef Maurice Caruana Curran. Apparti dawn is-senjalazzjonijiet, dak li verament jinteressa l-vertenza bejn il-partijiet hu jekk ghad-danni pretizi, konsistenti fil-kiri ta' vettura sostitutiva, kellux jaghmel tajjeb il-konvenut;

Ukoll f'rapport ta' derivazzjoni *ex-delicto* jew *vel quasi delicto,* kif inhu l-kaz hawnhekk, ir-responsabilita` tad-danneggjanti hi cirkoskritta ghall-konsegwenzi probabbli tal-kondotta tieghu, u mhux ukoll biex iwiegeb ghal kwalsiasi konsegwenza indiretta jew remota li tista' tiddixxendi mill-operat tieghu. Fi kliem iehor, kif gja rilevat hawn fuq, hu mistenni li d-danneggjant jaghmel tajjeb ghal dawk id-danni li huma verament immedjati u prossimi b'rabta ma' l-event li skaturihom. Il-Qorti tifhem illi biex wiehed japprezza sew jekk certa konsegwenza determinata taqax f'dan il-parametru ghandu utilita` siewi l-kriterju tal-prevedibilita` in bazi ghar-regola tal-probabilita`, solitament adoperata fir-ricerka tar-responsabilita` (ara, ad ezempju, "**Francis Coleiro *nomine* -vs- Carmelo Cassar**", Appell Civili, 24 ta' April, 1964). Fil-kaz ta' danni b'dan l-istess kriterju wiehed ikun

jista’ jiddezumi jekk huwiex normali li minn certu event jipproducu ruhhom zviluppi successivi;

Fil-hsieb ponderat ta’ din il-Qorti fil-kaz in disamina ma jistax gustifikament jinghad illi kellu jkun prevedibbli, u allura, probabbli, illi t-tiswija fuq il-vettura tas-socjeta` attrici timpjega hames xhur u nofs ankorke l-incident kien ipprovokat mill-konvenut. *Multo magis,* imbaghad, meta, kif konfessat mix-xhud Simon Soler in kontro-ezami (fol. 43) huwa lanqas biss informa lill-konvenut dwar il-qaghda tad-diffikolta tal-ksib lokalment tal-parts u li t-tiswijiet ser jiehdu aktar zmien minn dak ragonevolment mehtieg;

Ikollu jinghad, dejjem fil-fehma tal-Qorti, illi d-danni pretizi minhabba dak l-istess dewmien ma kienux f’konnessjoni immedjata u prossima ma’ xi operat tal-konvenut appellat, izda biss u esklusivament minhabba dak in-nuqqas ta’ spare parts. Certament, sew logika, sew ukoll in bazi ghall-principju ta’ l-ekwita` [Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380], ma kellux ikun mistenni illi l-konvenut jitghabba, aktar milli dovut, bl-aggravament ta’ dik l-ispiza ghal-*loss of use* in kwantu dak li ssuccieda ma kienx jaqa’ fil-normalita` tas-sekwela kawzali ta’ l-incident, u, allura, is-socjeta` attrici appellanti ma tistax lanqas tippretendi li ghandha tigi rizaricta minghand il-konvenut ghall-ammont kollu minnha reklamat. Jekk, kif jidher li hu l-kaz, almenu mill-apprezzament tal-materjal probatorju in atti, kien hemm xi nuqqas da parti tal-*broker* taghha ghax dan ma wassalx l-informazzjoni lil min kellha titwassal, l-isforzi tas-socjeta` appellanti kien messhom gew diretti fil-konfront ta’ dan, u mhux ukoll di fronte ghall-konvenut. Naturalment, il-Qorti jkollha taccetta d-decizjoni tat-Tribunal li ffissa kumpens rizarcitorju ekwiparabbli ghal xahar u nofs ta’ vettura sostitutiva, anke ghaliex l-konvenut appellat ma ressaq ebda ilment fir-rigward.

Ghall-motivi kollha fuq espressi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------